**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 14 ta' Lulju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 104/15RGM

Kawza fil-lista: 9

**A B**
**vs**
**L-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Alison Wadge li b'digriet datat 21 ta' Jannar 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

**Dikjarazzjoni**

1. Illi l-partijiet, A B, u C B, izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin [1993], fil-Knisja ta' San Bastjan, Qormi kif jrrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: D B li twieldet nhar l-erbatax [14] ta' April tas-sena elf disa' mija, sitta u disghin (1996) illum magorenni, u l-minuri E B li twieled nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elf, disa'

mija u tmienja u disghin [1998] hekk kif jirrizulta mic-Certifikati tat-Twelid ta' ulied il-kontendenti;

3. Illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fl-1 ta' Ottubru 2014. L-intimat kien informa lill-esponenti illi huwa kien sejjer btala Catania ma' tim tal-football, izda qatt ma rritorna lura. L-intimat qata' il-kuntatt kompletament minn ma' l-esponenti;

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014);

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

6. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Francesco Catania gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti stante li hija qieghda tuzufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali.

**Raguni tat-Talba**

7. Illi l-partijiet, A B, u C B, izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin [1993], fil-Knisja ta' San Bastjan, Qormi kif jrrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

8. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: D B li twieldet nhar l-erbatax [14] ta' April tas-sena elf disa' mija, sitta u disghin (1996) illum magorenni, u l-minuri E B li twieled nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju, tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin [1998] hekk kif jirrizulta mic-Certifikati tat-Twelid ta' ulied il-kontendenti;

9. Illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fl-1 ta' Ottubru 2014. L-intimat kien informa lill-esponenti illi huwa kien sejjer btala Catania ma' tim tal-football, izda qatt ma rritorna lura. L-intimat qata' il-kuntatt kompletament minn ma' l-esponenti;

10. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014);

11. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

12. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Francesco Catania gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti stante li hija qieghda tuzufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali.

**Talbiet**

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat;

2. Tordna illi r-rikorrenti jkollha l-kura u l-kustodja tal-minuri E B;

3. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skont il-ligi;

4. Takkorda manteniment xieraq skont il-ligi ghall-esporrenti u ghal binha minuri E B u tordna illi l-arretrati tal-istess manteniment jigu mhallsa mill-intimat ghall-esponenti;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi ikkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li huwa tilef kull jedd ghal kull akwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015, meta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Patrick Valentino u il-P L Alison Wadge, nominati biex jirrapresentaw lill-konvenut assenti C B li ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jirrispondu ulterjorment jekk u wara li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kas;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' missierha, Saviour Borg annessi ma' nota pprezentata fis-7 ta' April 2016;

Rat ix-xhieda ta' Saviour Theuma, ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali li xehed fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2016 u id-19 ta' Mejju 2016, seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2016 meta l-Qorti ddifferit il-kawza ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, A Trebelsi, pprezentat l-affidavit taghha, Fol 56, mahluf fl-20 ta' Awwissu 2015 anness ma' nota pprezentata fis-7 ta' April 2016. Hi kkonfermat li ltaqet mal-konvenut f'Mejju tan-1991.

Il-konvenut huwa Tunezin, ghamlu sentejn gherusija fejn kien assikurha li jekk ikollhom tfal hi setghet trabbihom fir-religjon Nisranija. F'dak iz-zmien ma kienx jahdem, kien biss coach tal-football.

.

Izzewgu fil-21 ta' Mejju 1993 kemm bil-Knisja kif ukoll bl-Istat u kienu joqghodu fid-dar tal-genituri taghha.

.

Il-konvenut qatt ma hadem hlief ghall-perjodu qasir, anqas min sena. Wara tlett snin miz-zwieg kellhom tifla, D, li twieldet fl-14 ta' April 1996, u fit-28 ta' Mejju 1998, twieled it-tifel E. Il-konvenut baqa' dejjem bla xoghol u kienu jghixu bl-ghajnuna tas-Sigurta Socjali, u meta kienu jonqsuhom il-flus kien jghinhom missierha, bil-mohbi tal-konvenut, billi skont missierha jekk isir jaf aktar jitghazzen. L-attrici tghid li fiz-zwieg taghhom il-konvenut kellu tlett karozzi bil-flus ta' missierha, li l-konvenut kien jahseb li nxtraw bi flus l-attrici.

L-attrici ddikjarat li taf li mhux sewwa li ragel ta' familja jibqa' ma jahdhimx, hi kienet tghidlu ripetutament biex issib xoghol izda dejjem kienu jispiccaw jargumentaw u l-attrici ma kinitx tinsiti ghax kienet tibza' li jmur lura Tunez. Hu dejjem kien jghidilha li f'Malta ma kienx hawn xoghol.

Il-konvenut, skont l-attrici, kellu relazzjoni pjuttost tajba maz-zewg ulied. L-attrici dejjem baqghet Nisranija u t-tfal it-tnejn huma maghmdin. Il-konvenut attena ghall-maghmodijja tat-tifla izda ma attendhiex ghal dik tat-tifel. Hu ma tantx kien konvint mir-religjon tat-tfal. Kien hemm zmien meta l-attrici kienet tiehu lit-tifla il-Musew bil-mohbi tieghu.

Il-konvenut kien juri nuqqas ta' hegga biex johorgu flimkien bhala familja, tant li l-attrici kienet tispicca tohrog ma' ommha minflokk. Fil-bidu il-konvenut billi ma

kienx jahdem kien joqghod id-dar, wara filghodu beda johrog mal-hbieb ghall-kaffe' u kien hemm okkazzjoni meta dam barra sas-saghtejn ta' filghodu. Wara inqala' argument u l-genituri taghha wissewha li darba ohra ma jhalluhx jidhol id-dar f'dawk il-hinijiet.

L-attrici tghid li ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom, meta tkellmu kien jahtafha u dejjem kien ta' ftit kliem. Kull sena kien jmur Tunez izur il-familja, fil-bidu kienet tmur mieghu anke bit-tfal, flus ghall-vjaggi kien jghinha missierha. Minhabba l-ispejjez ma baqghetx tmur mieghu. Kien idum xahar Tunez. Darba meta kien hemm cempillha biex tibghatlu l-hwejjeg tax-xitwa, kien qalilha li kien sejjer Franza biex isib xoghol. Bl-ghajnuna ta' missierha marret tiltaqa' mieghu, halliet t-tfal mal-genituri taghha, ma sabux return ticket ghalih f'zmien immedjat u billi ma fdathux baqghet hemm u gew lura flimkien.

F'Awwissu 2014 il–konvenut mar Tunez jiltaqa' mal-familja tieghu. Meta gie lura, wara gimgha qal lill-attrici li fl-1 ta' Ottubru 2014 kien sejjer Catania ghal hames tijiem mat-team tal-football tal-Imgarr. Wara erbat ijiem cempel, kellem it-tifla u qalilha li mhux gew lura Malta u biex tghid lil ommha tibda l-proceduri biex jiehdu d-divorzju. Minn dakinhar ma kien hemm l-ebda kuntatt iehor u l-attici bdiet il-proceduri ghas-Separazzjoni.

L-attrici ddikjarat li thossha imweggha billi ghamlet kull ma setghat biex il-konvenut ikun kuntent. Ghamlet hafna sagrificcji u ghalkemm ma tobghodux u ma tixtieqlu l-ebda deni, ghandha bzonn timxi il-quddiem u ghalhekk bdiet dawn il-proceduri. Ikkonfermat li assi ta' valur ma hemm xejn, kellhom karozza Hyundai, li ghalkemm hu kien qalilha li hadha ghand mechanic, lit-tifla, D fuq it-telephone ikkonfermalha li kien bieghha.

Saviour Borg, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 59, ikkonferma li ltaqa' l-ewwel darba mal-konvenut f'Mejju 1991, meta beda johrog mal-attrici. Wara ftit zmien talbu jistghax joqghod maghhom, damu sentejn gharajjes u f'Mejju 1993 izzewgu. Il-konvenut baqa' qatt ma hadem, baqghu joqghodu ghandu bit-tfal u qatt ma zammlu kera. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda bierda, kliem mill-anqas ghal bzonn biss.

Fil-bidu kien jqatta' hafna hin d-dar pero' fl-ahhar beda johrog u jdum barra sa kmieni filghodu. Hu kien gibed l-attenzjoni tat-tifla li ma kienx qed jaghmel sew u li ma xtaqux jibqa jidhol dak il-hin. Kull sena kien imur Tunez biex jara il-familja, kien jghid li ma kienx ser jibqa' imur tant spiss pero' baqa' jmur gieli darbtejn fis-sena.

Ikkonferma li f'Awwissu 2014 mar Tunez, dam xahar, u meta gie lura qal lill-bintu li fl-1 ta' Ottubru 2014 kellu jmur Catania ghal hames tijiem mat-team tal-

football tal-Imgarr. Wara erba tijiem, cempel, kellem lit-tifla tieghu D u qalilha biex tghid lil ommha li mhux gej lura Malta u biex tibda il-proceduri biex jiehdu d-divorzju. Minn dakinhar qatt ma kien hemm kuntatt iehor mieghu.

Saviour Theuma, in rappresentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali esebixxa zewg dokumenti li minnhom jirrizulta x'kienu l-beneficcji socjali li l-attrici rceviet mid-Dipartiment. Mid-dok ST1 Fol 66 jirrizulta li rceviet l-ammont ta' Euro 19,273.91 mill-20 ta' Marzu 1999 sat-3 ta' Gunju 2016 bhala Beneficcji, Allowances u Pensjonijiet taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali u mid-dok ST2 jirrizulta li rceviet total ta' Euro 27,757.54 bhala Children's Allowance minn 1996 sat-3 ta' Ottubru 2014.

Id-dokument ST3 juri l-ammonti li rceva il-konvenut u id-dokument ST4 jikkonferma li mis-17 ta' Gunju 2000 sat-8 ta' Awissu 2014 il-konvenut rceva mid-Dipartiment it-total ta' Euro 75,221.26.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici qed titlob li tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, li tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri E B, li jigi dikkjarat li l-konvenut iddekada minn kull dritt ghall-manteniment,li jigi ffissat manteniment adegwat ghaliha u ghall-minuri E u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess manteniment kif ukoll l-arretrati tal-istess, li tigi dikjarata xjolta u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, u li jigu applikati kontra l-konvenut in toto jew in parti id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

IL-kawza saret kontra kuraturi billi l-konvenut abbanduna id-dar matrimonjali fl-1 ta' Ottubru 2014 meta ddikjara li kien sejjer Catania ghal hames tijiem, izda qatt ma rritorna jew ghamel kuntatt mal-attrici.

Ma jirrizultax li l-kuraturi nominati biex jirrapprezentawh f'din il-kawza rrnexxielhom jikkommunikaw mieghu u ma giet prodotta l-ebda prova mill-konvenut. Xehdu biss l-attrici, missierha u r-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti illi z-zwieg tal-partijiet tkisser unikament tort tal-konvenut minhabba li abdika mid-doveri tieghu sew ta' ragel mizzewweg kif ukoll ta' missier ta' zewg ulied.

Ghalkemm huwa siefer minn Malta fl-1 ta' Ottubru 2014, fil-verita' kien ilu li abbanduna lill-familja tieghu.

A**rtikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu dwar il-konsegwenzi legali ta'abbandun fiz-zwieg.

"**41.** Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Dwar il-konsegwenzi legali kontra min ikun hati ghat-tkissir taz-zwieg il-Kodici Civili jipprovdi s-segwenti:-

"**48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(*a*) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(*b*) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal-lfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(*d*) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir- Reġistru Pubbliku."

Il-konvenut, qua missier il-minuri, jerfa' l-obbligu legali li jmantni lil ibnu minuri. Ghalkemm ma ngabet l-ebda prova dwar jekk il-konvenut jahdimx il-Qorti ser tordna lill-konvenut fic-cirkostanzi jhallas manteniment fis-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghall-htigijiet tal-minuri.

**Decide.**

Ghal dawn il-moitivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi r-rikorrenti jkollha esklussivament is-setgha ta' genitur u l-kura u l-kustodja tal-minuri E B;

3. Tilqa't-tielet talba u tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob minghand l-attrici manteniment;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-konvenut B jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri E B fis-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar b'effett mill-15 ta' Mejju 2015 li jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas sakemm il-minuri jkollu 23 sena jekk jibqa' jistudja full-time.

5. Tilqa' l-hames talba, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi.

6 Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**